MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 753/2003

**Odette Baldacchino Kerr**

**Vs**

**Joseph Mario Psaila**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attrici ppremettit:

Illi fid-19 ta' Gunju, 2001 ghal-habta tal-11:30pm, fi Triq Dingli, Sliema, filwaqt li l-attrici kienet riekba bhala passigiera fil-vettura Hyundai numru ta' registrazzjoni DAD 627 misjuqa minn Yvonne Treeby, omm il-habiba

taghha, u l-konvenut kien qed isuq vettura Hyundai numru ta' registrazzjoni JAZ 357, bi traskuragni, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, habat mal-vettura li fiha kienet riekba l-attrici u kkagunala feriti ta' natura gravi u danni ohra konsegwenti u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

U premess illi ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut;

U premess illi ghalkemm interpellat il-konvenut baqa` inadempjenti.

Jghid ghalhekk l-istess konvenut ghaliex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja, din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tidikjara u tiddeciedi li hu kien unikament responsabbli ghall-imsemmi incident.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici bhala rizultat ta' din il-kollizjoni anke permezz ta' periti nominandi.

3. Tikkundannah ihallas lill-attrici dawk id-danni hekk likwidati minn din il-Qorti bhala rizultat ta' din il-kollizjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra gudizzjajrja tad-29 ta' Mejju 2003, u dik ipprezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni u mibghuta lil Elmo Insurance Agency Ltd. u bl-imghax legali mi-data tan-notifika tal-ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol.8 tal-process fejn**
**eccepixxa:**

1. Qatt ma kien hemm opposizzjoni da parti ta' l-eccipjent jew tal-assikurazzjoni tieghu sabiex favur l-attrici ssir likwidazzjoni u eventwali hlas tad-danni minnha

attwalment subiti bhala konsegwenza tal-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

2. Il-quantum tad-danni pretiz mill-attrici huwa esagerat.

3. L-eccipjent m'ghandux ibati spejjes gudizzjarji.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Responsabilita'**

Kwantu ghar-responsabilita', fl-eccezzjoni tieghu l-konvenut irrisponda li ma kien hemm ebda opposizzjoni da parti tieghu jew tal-assikurazzjoni tieghu biex issir likwidazzjoni u eventwali hlas tad-danni lill-attrici.

Fid-dikjarazzjoni ma' l-eccezzjonijiet imbaghad hu jghid li hu nfurmat li fil-verita' in-nuqqas ta' qbil bejn l-attrici u l-assikurazzjoni tieghu kien dwar l-**entita' tad-dhul tal-attrici** li kellu jservi bhala bazi tal-kalkolu tat-telf futur taghha kif ukoll dwar in-**numru ta' snin** li abbazi tieghu kellu jkun mifrux dak il-kalkolu (ara fol 9 para 3).

**Dizabilita'**

Dwar il-kwistjoni tad-dizabilita' il-partijiet qablu li dina l-kwistjoni ghandha tigi deciza minn dina l-Qorti minghajr il-htiega ta' nomina ta' tobba u minghajr il-htiega li certifikati jigu ezebiti u konfermati bil-gurament (ara fol 67). Illi hija gurisprudenza ta' dawn il-Qrati li f'kalkolazzjoni ta' dizabilita' hemm hafna li hu apprezzament approsimattiv (ara sentenza P. A. JSP. Mifsud vs Agius deciza 5/10/1994) u ghalhekk differenza ta' 1% hija inkonsegwenzjali u mhiex rizultat ta' kalkolu matematiku. Fil-fatt meta gie kontroezaminat Mr. F. Zammit Maempel li hareg ic-certifikat ghall insurance, meta saret riferenza ghal fatt li hu kien tah lill attrici 5% u Mr. Esposito 6%, Mr. Zammit Maempel wiegeb li "five, six hemm qeghdin". Ghalhekk f'dan il-kaz, in vista anke tal-qbil bejn il-partijiet

biex joqghodu fuq il-gudizzju ta' dina l-Qorti, hija se tiehu d-dizabilita ta' 6% kif giet stabilita minn Mr. Esposito (ara fol 11).

**Kontestazzjoni**

Kif gja nghad, il-kontestazzjoni principali ghalhekk hija dwar il-entita' tad-dhul ta' l-attrici u l-*multiplier* li jrid jintuza.

**Entita' tad-dhul ta' l-attrici**

L-attrici kienet kisret idejha f'dana l-incident u giet operata. Dak iz-zmien ta' l-incident hija kienet studenta fit-tielet sena tiela ghar-raba' sena u kienet tircievi stipendju. Kienet taghti privat fil-frattemp u anke tistudja l-pjanu. Wara li korriet hija ma setghetx tkompli bil-pjanju billi kellha restrizzjoni f'minkbejha u waqqfet mill-privatijiet. Hi rnexxiielha tispicca l-kors u hadet il-BSC u xtaqet li tahdem f'dik il-linja li kienet studjat f'laboratorju u taghti privat fl-istess hin. Izda bdiet issib diffikulta' u ghalhekk ghamlet il-PCGE biex tghallem il-Biology u Chemistry imma anke hawnhekk sabet diffikulta minhabba l-ugigh f'idejha u illum hija mpjegata mal-MEPA taghmel *office work*.

Kwantu ghall *damnum emergens* l-attrici pprezentat lista ta' spejjez li nkorriet minhabba dana l-incident (ara fol 41) fejn qed titlob Lm530.67.

Kwantu ghall *lucrum cessans* l-attrici qed tippretendi li kieku ma korrietx hija kienet tmur tahdem f'laboratorju u taghti l-privat fis-suggett li ggradwat fih. Fil-fatt hija ezebiet *pay slips* (Dok a fol 70) ta' persuna li tahdem l-Universita' fir-ricerka kif ukoll xi uhud mill-*pay slips* taghha minghand il-MEPA (ara fol 78-80).

**Multiplier**

Kwantu ghall *multiplier* l-attrici fil-korrispondenza ezibita ghamlet riferenza ghall-sentenza Attard vs Damato u qed tippretendi l-massimu bhala *multiplier*.

**Ligi u Gurisprudenza**

Illi din l-azzjoni hi bazata fuq l-**Artikolu 1045 tal-Kap. 12** li jiddisponi li:-

*“(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta’ qabel, hija t-telf effettiv li eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u t-telf ta’ qliegh li tbati ‘l quddiem minhabba l-inkapacita’ ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta’ jgib.*

*(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita’ tigi stabbilita’ mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz u, b’mod partikolari, ix-xorta u grad ta’ inkapacita’ ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.”*

Tali somma naturalment tvarja skond ic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, u l-Qrati dejjem ghandhom certu ammont ta’ diskrezzjoni, proprju minhabba l-fatt li huma iridu jezaminaw b’mod dettaljat il-fattispecie tal-kaz.

F’materja ta’ *lucrum cessans* il-Qorti ghandha dejjem tipprocedi b’kawtela kbira peress illi l-qliegh hu haga ta’ possibilita’ u mhux ta’ certezza u jkun jista’ jonqos minn mument ghall iehor minhabba kawzi materjali bhal mewt, mard tad-danneggjat jew nuqqas ta’ xoghol.

Id-danneggjat ukoll ghandu dmir li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara, izda mhux obbligat jitghabba b’pizijiet biex inaqqas il-hsara (Aquilina vs Schembri 24.1.69 App).

**Multiplier**

Illi il-principji stabbiliti fil-kawza “Michael Butler vs Peter Christopher Heard” (App.Civ. 22 ta’ Dicembru 1967) gew

aggustati ghaz-zminijiet ricenti billi "ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu" (ara Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et App.Civ. 16 ta' Novembru 1983)

Ghar-rigward tal-*multiplier* applikat ghall-kuncett tal-*working life expectancy* tal-vittma fejn qabel ic-*ceiling* qatt ma kien jecceddi l-20 sena, llum bis-sentenza "Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine" (App. 26 ta' Lulju 1991) is-sitwazzjoni tbiddlet u m'hemmx dan il-limitu impost u l-*multiplier* gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta' tallum, u aspettattiva iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.

Ghalhekk ghandu jkun hemm certa elasticita' ta' kriterju ghaliex il-sentenza tkun bazata fuq probabilita' u d-danneggjat jkun qed jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b'sentenza mhix aktar soggetta ghall-revizzjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta.

Illi fil-kawza fl-ismijiet "Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Marzu 1986 intqal illi "In-numru ta' snin adottat bhala *multiplier* m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni ic-*chances and changes* tal-hajja". Is-sistema tal-multiplier ma jaccettax li ghandu jittiehed konsiderazzjoni li kull min hu b'sahhtu hu mistenni li jibqa' jahdem sa 60 sena jew sad-data tal-pensjoni izda tirrikjedi li tenut kont ta' l-eta' tal-mejjet u fatturi ohrajn minhabba diversi kontingenzi tal-hajja. (App Bugeja vs Agius 26/7/91 ; PA Caruana vs Gatt 23.2.93 ; Cassar vs Buhagiar PA 1.3.92). *The multiplier will be less than the average working life expectancy of a person.. The multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the*

*plaintiff might not have earned that income* (P.A. Scerri vs Cesareo 27.1.77).

**Tikkunsidra**

Kwantu ghall-*damnum emergens* (ara fol 41) il-Qorti tirrileva li ma saritx kontestazzjoni tal-ammont mitlub izda l-Qorti tirrileva li t-talba ghall-ammont ta' Lm104.50 ghal-drittijiet legali ma tistax tintlaqa' f'dan l-istadju u ghalhekk iridu jitnaqqsu mill-ammont mitlub.

Kwantu ghall *lucrum cessans*, fid-data ta' l-incident l-attrici kellha 21 sena, u ghalhekk a bazi tal-principji fuq enuncjati, il-Qorti jihrilha li bhala *multiplier* ghandha taddotta *working life capacity* ta' 30 sena.

Dwar xoghol li l-attrici qed taghmel illum u xoghol li qed tippretendi li setghet taghmel kieku ma korrietx il-Qorti tirrileva li mhux bil-fors li l-attrici kienet ser issib *job* kif xtaqet hi fil-laboratorju ghar-ricerka jew kienet se tibqa' hemm ghal ghomorha. Illum hi mpjegata mal-Mepa a bazi tad-*degree* ta' BSC li hadet, u qed taqla' *basic pay* ta' Lm602 fix-xahar (fol 79-80). Jekk wiehed jikkalkola z-ziedet fil-paga fuq perjodu relativament twil li gie akkordat il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tahdem fuq *lucrum cessans* ghall dhul annwali ta' Lm8,000.

L-incident gara fit-2001 u s-sentenza se tinghata erba' (4) snin wara ghalhekk bhala *lump sum payment deduction* il-Qorti ser naqqas 12%.

Lm8,000 x 30x 6% - 12% = Lm12,672.00

Damnum Emergens Lm426.17
Lucrum Cessans Lm12,672.00
Total Lm13,098.17 jew Lm13,100 ghad-dritt.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi

Billi tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta’ l-ewwel talba billi dwaha ma hemmx kontestazzjoni;
Tilqa’ t-tieni talba u tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici bhala rizultat ta’ din il-kollizjoni fl-ammont ta’ tlettax il-elf u mitt lira Maltin (Lm13,100);
Tikkundanna lill konvenut ihallas lill-attrici d-danni hekk likwidati;
spejjez ghall-konvenut.
Bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------